# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1005

KAZ NRU. 1143

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Nevise Caligari

u

Cities Entertainment Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 15 ta' Dicembru 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 27 ta' Mejju, 1997 b'riferenza MHS/TI/38/97 biex jiddeciedi dwar allegazzjoni a' tkeccija ngusta u dana skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanti kienet giet impjegata mal-Golden Shepherd Group. Fil-bidu, s-sur Grima, li kien iffirma ic-certifikat tal-bidu tal-impjieg tal-Employment & Training Corporation kien jaghmel hafna xoghol sakemm tlesta l-isptar, mbaghad baqa' bhala Company Secretary.

L-istess Sur Grima pero' kellu wkoll kumpanija tieghu u fil-fatt ix-xoghol tal-appellanti kien isir mill-istess ufficcju. Jigi rilevat hawn li s-sur Bianchi kien ic-Chairman tal-Golden Shepherd Group u anke tac-Cities Entertainment Ltd, iz-zewg kumpaniji fejn hadmet l-appellanti.

L-appellanti giet impjegata mla-Golden Shepherd Group fit-8 ta' Lulju, 1996 u giet dikjarata redundant fit-28 ta' Frar, 1997 pero' l-istess Sur Grima, li allura kien biss il-Company Secretary iffirma c-certifikat ta' tmiem l-impjieg u ffirma wkoll ic-certifikat tal-bidu tal-impjieg mas-Cities Entertainment Ltd. Meta sar dan kien qal lill-appellanti li kull ma kellu jigri kien li kienet sejra tibda tircievi cheque differenti izda bl-istess kundizzjonijiet ta' xoghol.

Il-kuntratt tax-xoghol ma nghatax fl-1 ta' Marzu, 1997 u nghata fil-15 ta' Mejju 1997 izda bid-data ta' l-1 ta' Marzu 1997. Il-kundizzjonijiet kienu l-istess hlief li zdiedet sentenza dwar telefonati - wiehed irid jiftakar li dan hareg wara xahrejn u nofs. L-impjieg gie terminat fil-21 ta' Mejju, 1997 (gimgha wara li hareg il-kuntratt back dated ghal Marzu) u r-raguni ta' tmiem l-impjieg kienet tnizzlet "failed probation".

Jinghad hawn li l-kuntratt nghata fil-15 ta' Mejju, 1997 ghaliex kienet l-istess appellanti li talbitu meta rat li s-segretarja gdida kienet sejra tinghata kuntratt meta hi ma kelliex wiehed.

Dwar il-fatt jekk l-impjieg mas-Cities Entertainment Ltd kienx soggett ghal probation, jinghad li l-Art. 15 tac-C.E.R.A. jghid li malli persuna tigi mpjegata, il-principal ghandu obbligu jispjega l-kundizzjonijiet rikonoxxuti tax-xoghol; huwa rikonoxxut li mpjieg gdid jsir bi probation imma l-principal dan ma spjegahx u allura l-probation ma kellhiex tapplika. Apparti

minn dan ghalkemm din ir-raguni ta' probation lanqas ma tistax tigi accettata mit-Tribunal ghaliex is-sur Grima kien ilu jara x-xoghol taghha minn Lulju, 1996 u meta l-Golden Shepherd iddikjarha redundant, hadha hu, bl-uniku differenza li c-cheque tal-paga kellu johrog minn post iehor u probation la ssemmiet u lanqas kienet gustifikata li tissemma.

It-Tribunal huwa preokkupat bin-numru ta' kazi fejn ir-raguni ta' tmiem l-impjieg mnizzla fic-certifikat tal-E.T.C. ma tkunx ir-raguni vera imma tkun aktar ta' natura ta' espedjent bir-rizultat li jithallsu beneficcji mhux dovuti mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali b'danni ghan-nazzjon u konsegwenzi ohra dwar impjiegi.

Stabbilit li l-probation ma kellhiex tigi applikata t-Tribunal ghadda ghall-ezami tal-fatti li rrizultaw mix-xhieda.

Irrizulta li kien hemm relazzjoni bejn l-appellanti u Christopher, it-tifel tal-Managing Director tas-Cities Entertainment Ltd. Kien hemm interpretazzjoni differenti miz-zewg zaghzagh ghaliex waqt li l-appellanti tghid li ma riditx xejn hlief relazzjoni fuq ix-xoghol, accettat rigali, accettat visita d-dar taghha meta kienet marida u accettat invit ghal party ta' hu Christopher minghand missieru.

Min-naha tieghu Christopher jghid li kienu johorgu flimkien pero' kienu kissruha ghall-habta ta' Ottubru, 1996 (pag. 3 tat-3 ta' Ottubru, 1997) pero' fil-kontro-ezami jghid li waqaf johrog maghha fl-ahhar tas-sena (pag. 3 tas-16 ta' Jannar, 1998); jghid li wara Dicembru hareg u tkellem fuq affarijiet personali; li fl-14 ta' Frar, 1997 - Valentine's Day - ta curkett u fjuri pero' jghid ukoll li f'dik il-gurnata r-relazzjoni taghhom kienet spiccat; qal ukoll li fil-11 ta' Marzu, 1997 kienet marida u mar jaraha fid-dar taghha.

Mehuda in konsiderazzjoni din ir-relazzjoni bejn iz-zewg zghazagh hemm indikazzjoni kredibbli li l-inkwiet dwar l-efficjenza u interess fix-xoghol kemm min-naha tal-appellanti u kemm minn missier u iben Grima kien influwenzat mid-dizgwid bejn iz-zewg zghazagh.

Dwar in-nuqqasijiet ilmentati - cioe' telefonati privati, uzu tal-word processor, l-agir (mhux kontestat mill-appellanti) li gie li waqfet tiehu dettatura ghax dahlet telefonata personali jinghad li ghalkemm kien hemm kontestazzjoni shiha fuq il-fatti, il-fatt li l-appellanti kellha pager juri li kienet tistenna kjamati privati; il-fatt li kellha dikette tal-part-time job fil-computer tal-principal jindika li kienet qeghda taghmel xoghol privat waqt l-impjieg taghha full-time.

Mehuda c-cirkostanzi tal-kaz il-mizien ixaqleb, ghalkemm ftit hafna, lejn il-kumpanija u ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba tal-appellanti u jikkonferma li kien hemm gustifikazzjoni ghal tmiem l-impjieg.

Ghal ragunijiet imsemmija fil-bidu ta' din id-decizjoni, it-Tribunal jordna li kopja taghha tigi mibghuta lid-Direttur, Sigurta' Socjali, lid-Direttur tax-Xoghol u lill-Employment Training Corporation.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

**VERA KOPJA**

------------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**

**ft/Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**